

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

IR-RAKKOMANDEZZJONI Nru S1

tal-15 ta' Marzu 2012

dwar l-aspetti finanzjarji ta' donazzjonijiet transkonfinali ta' organi ħajjin

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim KE/Żvizzera)

(2012/C 240/04)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali⁽¹⁾, skont liema l-Kummissjoni Amministrattiva għandha r-responsabbiltà li tittratta l-mistoqsijiet amministrattivi jew il-mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni kollha li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 168 (7) TFUE,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 48 tat-TFUE,

Waqt li taġixxi skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

Billi:

- (1) L-azzjoni tal-Unjoni tirrispetta r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa taġġhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika.
- (2) L-azzjoni tal-Unjoni ma taffettwax id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-donazzjoni jew l-użu mediku ta' organi u demm.

⁽¹⁾ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1 (Rettifika ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1).
⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni tal-iskema ta' sigurtà soċjali, (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 ma jipprovdi soluzzjoni għar-rimborż ta' benefiċċji għall-mard in natura lil donatur ħaj meta l-leġiżlazzjoni applikabbli tiegħu teskludi jew ma tippredix ir-rimborż tal-ispejjeż u l-leġiżlazzjoni tar-riċevitur tal-organu ma tkopri l-ispejjeż tad-donatur.
- (4) Huwa rikonoxxut li t-trapjant tal-organi huwa trattament kosteffikaċi li għab miegħu benefiċċji kbar għall-pazjenti u d-donazzjonijiet ħajjin iridu jsiru b'tali mod li jimminimizzaw ir-riskju soċjali għad-donatur individwali.
- (5) L-istituzzjoni kompetenti tar-riċevitur tal-organu għandha ssib soluzzjoni umanitarja *ad hoc* u tirrimborża l-benefiċċji *in natura* li jirriżultaw minn donazzjonijiet ħajjin transkonfinali, jekk il-leġiżlazzjoni applikabbli tad-donatur tal-organu ma tippredix rimborż għal donaturi ta' organi ħajjin jew għal donazzjonijiet ta' organi ħajjin inġenerali.
- (6) Id-donatur ħaj irid ikun kapaċi jieħu deċiżjoni indipendenti bbażati fuq it-tagħrif kollu rilevanti u jrid jiġi infurmat bil-quddiem dwar il-kopertura tal-kura tas-saħħa, ir-rimborż tal-ispejjeż marbuta mad-donazzjoni transkonfinali ta' organi u t-telf ta' qligħ possibbli kkumpensat b'benefiċċji fi flus għall-mard,

TIRRAKKOMANDA:

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' riċevitur ta' organu, meta jippreparaw jew jawtorizzaw id-donazzjoni ta' organu ħaj b'organu minn donatur ħaj li huwa assigurat fi Stat Membru ieħor, għandhom jikkunsidraw l-aċċess tad-donatur ħaj għas-sistema tal-kura tas-saħħa għal problemi marbuta mal-proċedura tad-donazzjoni;

2. Jekk il-leġiżlazzjoni li tkopri d-donatur ma tippredix l-intitolament għall-benefiċċji ta' mard *in natura* għad-donatur, l-awtoritajiet kompetenti ta' riċevitur ta' organu għandhom isibu soluzzjoni umanitarja għad-donatur u jirrimborżaw il-benefiċċji *in natura* meħtieġa minħabba d-donazzjoni ħajja transkonfinali;

3. L-awtorità kompetenti tad-donatur għandha ttiprovdi benefiċċji fi flus għall-mard skont il-leġiżlazzjoni li hi applika, irrispettivament minn liema Stat Membru tkun ġejja d-donazzjoni ta' organi jew min kien ir-riċevitur tal-organu. Telf possibbli ta' qligħ min-naħa tad-donatur li jkun marbut mad-donazzjoni għandu jġi ttrattat bħal kwalunkwe inkapaċità għax-xogħol oħra mil-leġiżlazzjoni applikabbli kompetenti tad-donatur peress li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn l-inkapaċità għax-xogħol marbuta mad-donazzjoni ta' organu għandha tiġi ttrattata b'mod differenti minn inkapaċitajiet oħra bbażati fuq raġunijiet mediċi.

Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva

Karin MØHL LARSEN
